SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)
14 ta' Ġunju 2007 *

Fil-kawża C-246/05,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Oberster Patent- und Markensenat (l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Frar 2005, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Ġunju 2005, fil-proċedura

Armin Häupl,

vs

Lidl Stiftung & Co. KG,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President ta' l-Awla, A. Tizzano, A. Borg Barthet (Relatur), U. Lõhmus u A. Ó Caoimh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,

Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Settembru 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal A. Häupl, Patentanwalt, minnu stess, assistit minn W. Ellmeyer, Patentanwalt,

— għal Lidl Stiftung & Co. KG, minn H. Sonn, Patentanwalt,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u J.-Ch. Niollet kif ukoll minn A.-L. During, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn G. Braun, N.B. Rasmussen u W. Wils, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2006,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 10(1) u 12(1), ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 1989, L 40, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn A. Häupl u Lidl Stiftung & Co. KG (iktar 'il quddiem "Lidl") dwar l-annullament ta' trade mark li l-proprjetarja tagħha hija din ta' l-aħħar.

Il-kuntest leġiżlattiv

Id-dritt Komunitarju

3 L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva jipprovdi:

"Jekk, f'perijodu ta' ħames snin wara d-data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma użax it-trade mark ġenwinament fl-Istat Membru in konnessjoni mal-merkanzija jew is-servizzi li għalihom hi reġistrata, jew jekk tali użu ġie sospiż matul perjodu mhux interrott ta' ħames snin, it-trade

mark għandha tkun suġġetta għas-sanzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, sakemm hemm raġunijiet tajba għan-nuqqas ta' użu."

4 Skond l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva, "Trade mark għandha tkun suġġetta għar-revokazzjoni jekk, f'perijodu kontinwu ta' ħames snin, ma tkunx ġiet użata ġenwinament fl-Istat Membru in konnessjoni mal-merkanzija jew servizzi li għalihom hi reġistrata, u ma hemmx raġunijiet validi għan-nuqqas ta' użu".

Id-dritt internazzjonali

5 L-Artikolu 3(4) tal-Ftehim ta' Madrid dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade marks, ta' l-14 ta' April 1891, rivedut l-aħħar fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u emendat fit-28 ta' Settembru 1979 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Madrid"), jipprovdi li "l-Uffiċċju internazzjonali [ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO), iktar 'il quddiem l-'Uffiċċju internazzjonali'] jirreġistra mill-ewwel it-trade marks ippreżentati skond l-Artikolu 1. Ir-reġistrazzjoni għandha tinkludi d-data tat-talba għal reġistrazzjoni internazzjonali fil-pajjiż ta' oriġini kemm-il darba t-talba tkun waslet għand l-Uffiċċju internazzjonali fi żmien xahrejn minn din id-data" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

6 L-Artikolu 19(1) tal-Ftehim fuq l-Aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-Kummerċ tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali, li jinsab fl-Anness 1C tal-Ftehim ta' Marrakesch tal-15 ta' April 1994 li jwaqqaf l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 336, p.

1, iktar 'il quddiem il-"Ftehim TRIPS") jirreferi, għall-obbligu ta' użu ta' trade mark irreġistrata b'dan il-mod:

"Kemm il-darba l-użu jikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja sabiex tinżamm reġistrazzjoni, ir-reġistrazzjoni tista' tiġi annullata biss wara perijodu kontinwu ta' nuqqas ta' użu ta' mill-anqas tliet snin, dejjem jekk il-proprjetarju tat-trade mark ma jagħtix raġunijiet leġittimi bbażati fuq l-eżistenza ta' ostakli għall-użu tat-trade mark. Ċirkustanzi indipendenti mir-rieda tal-proprjetarju tal-privattiv tali li jikkostitwixxu ostaklu għall-użu tiegħu, bħal restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni jew kundizzjonijiet oħra stabbiliti mill-gvern għall-prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark, huma kkunsidrati raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Id-dritt nazzjonali

7 Skond l-Artikolu 19 tal-liġi Awstrijaka dwar il-protezzjoni tat-trade marks (Markenschutzgesetz 1970, BGB1. 260/1970, iktar 'il quddiem il-"MSchG"), id-"dritt għal trade mark jibda jiddekorri mid-data li fiha ssir l-iskrizzjoni fir-reġistru tat-trade marks (reġistrazzjoni). Il-perijodu ta' protezzjoni jispiċċa 10 snin wara t-tmiem tax-xahar tar-reġistrazzjoni".

8 L-Artikolu 33a(1) tal-MSchG, jaqra kif ġej:

"Kull persuna għandha d-dritt titlob il-kanċellazzjoni ta' trade mark li ilha rreġistrata fl-Awstrija għall-inqas għal ħames snin jew tgawdi minn protezzjoni fl-Awstrija

skond l-Artikolu 2(2), kemm il-darba t-trade mark in kwistjoni ma tkunx ġiet użata fl-Awstrija għall-prodotti jew is-servizzi li fir-rigward tagħhom ġiet irreġistrata matul il-ħames snin qabel id-data meta ġiet ippreżentata t-talba għal kanċellazzjoni, la mill-proprjetarju u lanqas minn persuna terza bil-kunsens tal-proprjetarju, kif meħtieġ u bħala trade mark (Artikolu 10(a)), salv jekk il-proprjetarju tat-trade mark jista' jiġġustifika n-nuqqas ta' użu."

9 Skond l-Artikolu 2 tagħha, il-MSchG testendi, b'analoġija, għad-drittijiet ta' trade mark akkwistati għat-territorju tar-Repubblika ta' l-Awstrija bis-saħħa ta' ftehim internazzjonali.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Lidl hija l-proprjetarja tat-trade mark figurattiva u verbali "Le chef de cuisine". It-trade mark bażika Ġermaniża ilha protetta mit-8 ta' Lulju 1993 u t-trade mark internazzjonali — irreġistrata wkoll għall-Awstrija —, mit-12 ta' Ottubru 1993. Din ta' l-aħħar ġiet ippubblika fit-2 ta' Diċembru 1993 mill-Uffiċċju internazzjonali u ġiet innotifikata lill-pajjiżi kontraenti indikati.

11 Lidl tmexxi katina ta' supermarkits li ilhom jeżistu fil-Ġermanja mill-1973. L-ewwel supermarkit Lidl ġewwa l-Awstrija nfetaħ fil-5 ta' Novembru 1998. Il-konvenuta tikkummerċjalizza ikel lest bit-trade mark "Le chef de cuisine" biss fil-ħwienet tagħha stess. Qabel ma nfetħu l-ewwel supermarkits tagħha fl-Awstrija, Lidl ippreżentat il-prodott fil-kumpannija tagħha, ftiehmet mal-fornituri tagħha u bdiet taħżen il-provvisti li kienu diġà kkunsinjati lilha.

12 Fit-13 ta' Ottubru 1998, A. Häupl talab il-kanċellazzjoni ta' l-imsemmija trade mark minħabba nuqqas ta' użu fit-territorju tar-Repubblika ta' l-Awstrija, abbażi ta' l-Artikolu 33a(1) tal-MSchG. Fil-fehma tiegħu, it-terminu ta' ħames snin previst f'din id-dispożizzjoni beda jiddekorri mill-bidu tal-perijodu tal-protezzjoni, jiġifieri mit-12 ta' Ottubru 1993. Lidl ikkontestat it-talba għal kanċellazzjoni. Hija sostniet li l-imsemmi terminu beda jiddekorri fit-2 ta' Diċembru 1993, u għalhekk skada fit-2 ta' Diċembru 1998. F'din id-data, hija poġġiet il-prodotti bit-trade mark in kwistjoni għall-bejgħ fl-ewwel supermarkit Awstrijak tagħha. Hija żiedet tgħid li, mill-1994, hija kienet ippjanifikat espansjoni fl-Awstrija, imma l-ftuħ ta' supermarkits ġodda f'dan l-Istat Membru dam minħabba "ostakli burokratiċi", b'mod partikolari, dewmien fil-ħruġ ta' liċenzji għal din l-espansjoni.

13 In-Nichtigkeitsabteilung des Patentamtes (diviżjoni tal-Kanċellazzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Privattivi Awstrijak) iddikjara t-trade mark bħala mhux protetta fit-territorju tar-Repubblika ta' l-Awstrija b'effett mit-12 ta' Ottubru 1998. Lidl appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Oberster Patent- und Makensenat (Awla Superjuri tal-privattivi u tat-trade marks).

14 F'dan il-kuntest, l-Oberster Patent- und Markensenat iddeċidiet li tissospendi l-proċedurimenti u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 89/104/KEE [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni 'data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni' tfisser il-bidu tal-perijodu ta' protezzjoni?

2) L-Artikolu 12(1) ta' [din] id-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżistu raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu tat-trade mark fil-każ fejn l-attwazzjoni, mill-proprjetarju tat-trade mark, ta' l-istrateġija imprenditorjali segwita tiġi posposta għal raġunijiet li l-kumpannija m'għandhiex kontroll fuqhom, jew il-proprjetarju tat-trade mark huwa obbligat jimmodifika l-istrateġija imprenditorjali tiegħu biex ikun jista' juża t-trade mark fit-terminu preskritt?"

Fuq il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

15 Qabel ma tingħata risposta għad-domandi magħmula, għandu jiġi eżaminat jekk l-Oberster Patent- und Markensenat hijiex qorti fis-sens ta' l-Artikolu 234 KE u jekk, konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja hijiex kompetenti biex twieġeb id-domandi li tressqu quddiemha.

16 Jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti li, sabiex jiġi evalwat jekk il-korp li qed jagħmel ir-rinviju għandux karatteristiċi ta' qorti skond id-dispożizzjoni msemmija, kwistjoni li hija rregolata biss mid-dritt Komunitarju, il-Qorti għandha tqis numru ta' fatturi, bħall-kwistjoni jekk il-korp huwiex stabbilit mil-liġi, il-permanenza tiegħu, in-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tiegħu, in-natura kontenzjuża tal-proċedura, l-applikazzjoni, mill-korp, tar-regoli ta' dritt, kif ukoll l-indipendenza tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 1997, Dorsch Consult, C-54/96, Ġabra p. I-4961, punt 23, kif ukoll tal-31 ta' Mejju 2005, Syfait *et*, C-53/03, Ġabra p. I-4609, punt 29).

17 F'dan ir-rigward, għandhom jiġu kkunsidrati, kif għamel l-Avukat Ġenerali fil-punti 25 sa 29 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-dispożizzjonijiet tal-liġi Awstrijaka dwar il-privattivi (Patentgesetz 1970, BGBl. 259/1970, iktar 'il quddiem il-"Patentgesetz").

18 Jirriżulta, l-ewwel nett, mill-Artikoli 74 u 75 ta' din il-liġi, li jiddeterminaw il-kompetenza u l-kompożizzjoni ta' l-Oberster Patent- und Markensenat, li dan il-korp jissodisfa l-kriterji dwar l-oriġini legali u l-indipendenza. Barra minn hekk, l-Artikolu 74(9) ta' l-imsemmija liġi jipprovdi, b'mod espliċitu, li l-membri ta' l-imsemmi korp jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom indipendentament, mingħajr ma huma marbuta minn ebda istruzzjoni. Il-paragrafi 6 u 7 ta' l-istess Artikolu jipprovdu li l-mandat tagħhom huwa għal ħames snin li jista' jiġġedded u ma jistax jintemm qabel, ħlief minħabba raġunijiet eċċezzjonali u ddefiniti b'mod ċar, bħat-telf tan-nazzjonalità Awstrijaka jew anke restrizzjoni fuq il-kapaċità legali.

19 Il-permanenza ta' l-Oberster Patent- und Markensenat tista' tiġi dedotta mill-Artikolu 70(2) u (3), kif ukoll mill-Artikolu 74(1) tal-Patentgesetz, li jipprovdu li din l-istanza hi kompetenti sabiex tiddeċiedi appelli kontra d-deċiżjonijiet tan-Nichtigkeitsabteilung des Patentamtes u tal-Beschwerdeabteilung des Patentamtes (Bord ta' l-Appell ta' l-uffiċċju tal-privattivi Awstrijak) mingħajr ebda limitazzjoni fiż-żmien. In-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni ta' l-imsemmija istanza tirriżulta minn dawn l-istess dispożizzjonijiet, billi l-kompetenza tagħha biex tiddeċiedi l-imsemmija appelli hija stabbilita mil-liġi u m'hijiex ta' natura fakultattiva.

20 Fir-rigward tal-proċedura quddiem l-Oberster Patent- und Markensenat, l-Artikolu 140(1) tal-Patentgesetz jirreferi għall-Artikoli 113 sa 127 u 129 sa 136 ta' l-imsemmija liġi, li jistabbilixxu r-regoli ta' proċedura, u li juru li dan il-korp japplika r-regoli ta' dritt u li l-proċedura quddiemu hija waħda kontenzjuża.

21 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li l-Oberster Patent- und Markensenat tikkostitwixxi qorti fis-sens ta' l-Artikolu 234 KE u, konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti sabiex twieġeb id-domandi li tressqu quddiemha.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

22 Permezz ta' l-ewwel domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi jekk l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni "data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni" tfisser il-bidu tal-perijodu ta' protezzjoni. Hija għalhekk tixtieq tkun taf jekk it-terminu ta' ħames snin mogħti lill-proprjetarju ta' trade mark sabiex jibda jagħmel użu ġenwin minnha jibdiex jiddekorri mill-mument meta jibda l-perijodu ta' protezzjoni tat-trade mark ikkonċernata.

23 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kif ukoll il-Gvern Awstrijak isostnu li d-data tar-reġistrazzjoni, jiġifieri l-mument li minnu jibda jiddekorri l-perijodu ta' protezzjoni skond id-dritt Awstrijak, tikkorrispondi għad-"data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni" fis-sens ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva.

24 Min-naħa l-oħra, fil-fehma tal-konvenuta fl-ewwel istanza, tal-Gvern Franċiż kif ukoll tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, l-espressjoni d-"data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni" ma tirreferix għall-bidu tal-perijodu ta' protezzjoni, imma għad-data li fiha titlesta l-proċedura ta' eżami quddiem l-uffiċċju inkarigat b'din il-proċedura. Fir-rigward ta' proċedura ta' reġistrazzjoni internaz-

zjonali skond il-Ftehim ta' Madrid, din ta' l-aħħar ma tistax tkun kompluta qabel ma jiskadi t-terminu ta' żmien li għandhom l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiddeċiedu dwar rifjut provviżorju ta' protezzjoni jew qabel ma l-protezzjoni tiġi kkonfermata minnhom b'mod definittiv.

25 Sabiex tingħata risposta għad-domanda preliminari, għandu qabel kollox jiġi enfasizzat li diversi ordinamenti ġuridiċi huma involuti fil-proċess ta' reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark, bħalma huwa l-każ fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, minn naħa japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Madrid, li essenzjalment jiddeterminaw dik il-parti tar-reġistrazzjoni li ssir quddiem l-Uffiċċju internazzjonali, u min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali, li għandhom jikkonformaw mad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari, mad-Direttiva. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 1 ta' l-imsemmija Direttiva jipprovdi li din ta' l-aħħar "għandha tapplika għal kwalunkwe trade mark [...] li hi s-suġġett [...] tar-reġistrazzjoni internazzjonali li għandha effett fi Stat Membru".

26 Barra minn hekk, għandu jingħad li, kif tindika t-tielet premessa tad-Direttiva, din m'għandhiex l-għan li tapprossima totalment il-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks. F'dan ir-rigward, il-ħames premessa ta' din id-Direttiva tenfasizza li "l-Istati Membri jibqgħu [...] liberi li jiffissaw id-disposizzjonijiet ta' proċedura dwar ir-reġistrazzjoni, ir-revokazzjoni u l-invalidità tat-trade marks miksuba mir-reġistrazzjoni; [...] jistgħu, per eżempju, jiddeterminaw il-forma tar reġistrazzjoni tat-trade marks u proċeduri ta' invalidità, jiddeċiedu jekk drittijiet preċedenti għandhomx ikunu invokati jew għall-proċedura tar-reġistrazzjoni jew għall-proċedura ta' invalidità jew għat-tnejn u, jekk jippermettu li drittijiet preċedenti jkunu invokati fil-proċedura tar-reġistrazzjoni, li jkollhom proċedura ta' opposizzjoni jew eżami ex-uffiċio jew it-tnejn". Minn dawn il-premessi tad-Direttiva jirriżulta li din ma tapprossimax l-aspett proċedurali tar-reġistrazzjonijiet tat-trade marks.

27 Dawn il-premessi għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni sabiex jiġi interpretat l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li din id-dispożizzjoni ma tiddeterminax b'mod ċar ħafna l-bidu tal-perijodu ta' użu u, għaldaqstant, id-data inizjali li minnha jibda jiddekorri t-terminu ta' ħames snin. Fil-fatt, il-formulazzjoni tagħha tiddefinixxi din id-data inizjali b'referenza għall-proċedura ta' reġistrazzjoni, li huwa qasam li mhuwiex armonizzat mid-Direttiva. Kif issostni l-Kummissjoni, din il-formulazzjoni tippermetti li l-imsemmi terminu jiġi adattat għall-partikolaritajiet tal-proċeduri nazzjonali.

28 Minn dan jirriżulta li l-Istati Membri huma liberi jorganizzaw il-proċedura ta' reġistrazzjoni u għaldaqstant huma jistgħu jiddeċiedu meta din għandha tkun ikkunsidrata bħala kompluta.

29 Fil-każ ta' reġistrazzjoni internazzjonali, bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, huwa l-Istat Membru li fir-rigward tiegħu saret it-talba għal reġistrazzjoni li għandu jiddetermina l-mument meta tispiċċa l-proċedura ta' reġistrazzjoni permezz tar-regoli proċedurali tiegħu.

30 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, li jgħid li d-data ta' l-iskrizzjoni tat-trade mark fir-reġistru hija d-"data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni" fis-sens ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva ma jistax jiġi aċċettat. Dan l-argument iwassal, fil-fatt, sabiex l-imsemmija dispożizzjoni tiġi interpretata biss fid-dawl tar-regoli tal-proċedura Awstrijaċi, filwaqt li d-determinazzjoni tad-data li għaliha tirreferi din id-dispożizzjoni tista', għar-raġunijiet li ssemmew fil-punti preċedenti, tvarja minn leġiżlazzjoni nazzjonali għal oħra.

31 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari għandha tkun li d-"data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni", fis-sens ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva għandha tiġi ddeterminata f'kull Stat Membru skond ir-regoli tal-proċedura fir-rigward tar-reġistrazzjoni li jkunu fis-seħħ f'dak l-Istat.

Fuq it-tieni domanda

32 Permezz tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi jekk l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li jeżistu raġunijiet leġittimi għannuqqas ta' użu ta' trade mark fil-każ fejn l-attwazzjoni, mill-propretarju ta' din it-trade mark, ta' l-istrateġija imprenditorjali segwita tiġi posposta għal raġunijiet li l-kumpannija m'għandhiex kontroll fuqhom, jew inkella jekk il-proprjetarju tat-trade mark, fl-istess każ, huwiex obbligat jimmodifika din l-istrateġija biex ikun jista' juża it-trade mark fit-terminu preskritt.

33 F'dan ir-rigward jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-fatt li l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti koperti mit-trade mark in kwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet posposta fis-suq Awstrijak kien ir-riżultat, minn naħa waħda, ta' l-istrateġija ta' Lidl li ma tikkummerċjalizzax dawn il-prodotti ħlief fil-ħwienet tagħha stess, u min-naħa l-oħra, tal-fatt li l-ftuħ ta' l-ewwel supermarkits Awstrijaċi tagħha dam minħabba "ostakli burokratiċi".

34 Il-Gvern Awstrijak għandu dubji dwar l-ammissibbiltà ta' din id-domanda, minħabba li din hija fformulata f'termini astratti ħafna u d-deskrizzjoni tal-fatti mhijiex konkreta biżżejjed.

35 Għalkemm id-digriet tar-rinviju jagħti biss sunt qasir tal-kuntest fattwali li fuqu hija bbażata t-tieni domanda, filwaqt li l-partijiet fil-kawża prinċipali jevokaw, min-naħa l-oħra, bosta elementi fattwali, madankollu din iċ-ċirkustanza ma tistax twassal, f'dan il-każ, għall-inammissibbiltà ta' din id-domanda. Fil-fatt, il-preżentazzjoni mill-qorti tar-rinviju tal-kuntest fattwali, anki jekk fil-qosor, tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tifhem b'mod suffiċjenti l-kuntest li fih saret id-domanda msemmija sabiex tingħata risposta utli għal din u sabiex l-imsemmija qorti tkun tista' tiddeċiedi l-kawża prinċipali fid-dawl ta' l-elementi fattwali kollha, li hi biss tista' tevalwa. Għaldaqstant, it-tieni domanda għandha tiġi kkunsidrata bħala ammissibbli.

36 Fir-rigward tal-mertu, l-osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva jaqblu li l-frażi "raġunijiet leġittimi" għandha tingħata tifsira ta' ċirkustanzi li m'għandhomx x'jaqsmu jew li huma indipendenti mir-rieda ta' l-impriża kkonċernata.

37 Madankollu, r-rikorrent fil-kawża prinċipali jispeċifika li strateġija imprenditorjali ma tista' qatt, fiha nfisha, tikkostitwixxi raġuni skużabbli u li għandha, f'kull każ, tiġi evalwata l-imġiba konkreta tal-proprjetarju tat-trade mark meta ġie ffaċċjat bid-diffikultajiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kumpannija.

38 Il-konvenuta fil-kawża prinċipali tikkunsidra, nin-naħa tagħha, li diffikultajiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kumpannija, li jdewmu l-attwazzjoni ta' l-istrateġija imprenditorjali fuq il-livell ekonomiku, jikkostitwixxu raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu tat-trade mark.

39 Il-Kummissjoni hija tal-fehma li ma jeżistux raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu ta' trade mark meta l-attwazzjoni ta' l-istrateġija imprenditorjali segwita mill-proprjetarju ta' din it-trade mark, li hija ġeneralment ir-responsabbiltà ta' dan ta' l-aħħar, damet minħabba raġunijiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma' dan il-proprjetarju, imma dan naqas milli jadatta l-istrateġija imprenditorjali fil-ħin.

40 Skond il-Gvern Awstrijak, jeżistu raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu tat-*trade mark* meta dan jirriżulta minn dewmien fl-attwazzjoni ta' strateġija imprenditorjali ġenwinament immexxija, li huwa attribwibbli għal raġunijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kumpannija, b'mod partikolari, raġunijiet legali jew raġunijiet ekonomiċi importanti.

41 Fl-aħħar nett, il-Gvern Franċiż isostni li l-frażi "raġunijiet leġittimi" għandha tfisser ċirkustanzi indipendenti mir-rieda ta' l-impriża, bħalma huma rekwiżiti imposti mill-awtoritajiet pubbliċi jew każijiet ta' forza maġġuri.

42 Preliminarjament, għandu jiġi evalwat jekk il-kunċett ta' "raġunijiet leġittimi" fis-sens ta' l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva għandux jiġi interpretat b'mod uniformi.

43 Jirriżulta mill-eżiġenzi kemm ta' l-implementazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju kif ukoll mill-prinċipju ta' trattament ugwali li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju li ma jinkludu ebda referenza espliċita għad-dritt ta' l-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha għandhom normalment jingħataw, fil-Komunità kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Marzu 2003, Ansul, C-40/01, punt 26 u tad-19 ta' Settembru 2000, Linster, C-287/98, Ġabra p. I-6917, punt 43).

44 Fis-sentenza Ansul, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-kunċett ta' "użu ġenwin" ta' trade mark kif jintuża fl-Artikolu 10 u l-Artikolu 12 tad-Direttiva għandu jiġi interpretat b'mod uniformi (punt 31 tas-sentenza Ansul, iċċitata iktar 'il fuq). Fil-fatt, jirriżulta mis-sitt, mit-tmien u mid-disa' premessi tad-Direttiva kif ukoll mill-Artikoli 10 sa 15 tagħha, li l-leġiżlatur Komunitarju kellhu l-ħsieb li jissuġġetta ż-żamma tad-drittijiet tat-trade mark għall-istess kundizzjoni ta' użu ġenwin f'kull Stat Membru, b'tali mod li l-livell ta' protezzjoni tat-trade mark ma jvarjax skond il-liġi applikabbli (punti 27 sa 29 tas-sentenza Ansul, iċċitata iktar 'il fuq). Billi l-għan tar-raġunijiet leġittimi huwa li jkunu jistgħu jiġu ġġustifikati sitwazzjonijiet fejn ma kienx hemm użu ġenwin ta' trade mark sabiex tiġi evitata r-revoka tat-trade mark, il-funzjoni tagħhom hi għaldaqstant marbuta mill-qrib ma' dik ta' l-użu ġenwin, b'tali mod li l-kunċett ta' raġunijiet leġittimi jissodisfa l-istess eżiġenzi ta' interpretazzjoni uniformi bħall-kunċett ta' użu ġenwin tat-trade mark.

45 Konsegwentement, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' "raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu", li għalih jirreferi l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva.

46 L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva jirregola l-każ fejn trade mark kienet irreġistrata imma l-proprjetarju tagħha m'għamilx użu minnha. Jekk dan huwa l-każ matul perijodu kontinwu ta' ħames snin, il-proprjetarju jista' jkun suġġett għar-revoka tad-drittijiet tiegħu sakemm ma jkunx jista' jinvoka raġunijiet leġittimi.

47 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li din id-dispożizzjoni ma tagħti ebda indikazzjoni dwar in-natura u l-karatteristiċi tar-"raġunijiet leġittimi" li hija ssemmi.

48 Madankollu, il-Ftehim TRIPS, li tiegħu l-Komunità Ewropeja hija parti kontraenti, jittratta wkoll, fl-Artikolu 19(1) tiegħu, l-obbligu ta' użu tat-trade mark kif ukoll ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw in-nuqqas ta' użu ta' din. Madankollu, id-definizzjoni ta' dan il-kunċett, li jinsab fih, tista' tikkostitwixxi element ta' interpretazzjoni tal-kunċett simili ta' raġunijiet leġittimi użati fil-kuntest tad-Direttiva.

49 Għaldaqstant, skond l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim TRIPS, huma kkunsidrati bħala raġunijiet validi dawk li jiġġustifikaw in-nuqqas ta' użu ċirkustanzi indipendenti mir-rieda tal-proprjetarju tat-trade mark u li jikkostitwixxu ostaklu għall-użu ta' din.

50 Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat liema tipi ta' ċirkustanzi jikkostitwixxu ostaklu għall-użu tat-trade mark fis-sens ta' l-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, mhijiex ħaġa rari li f'xi ħin jinqalgħu ċirkustanzi indipendenti mir-rieda tal-proprjetarju ta' trade mark li jfixklu l-preparazzjonijiet għall-użu ta' din it-trade mark. Madankollu, f'numru sostanzjali ta' każijiet dawn ikunu diffikultajiet li jistgħu jingħelbu.

51 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li t-tmien premessa tad-Direttiva tipprovdi li "sabiex ikun imnaqqas t-total tan-numru tat-trade marks irreġistrati u protetti fil-Komunità [...], huwa essenzjali li jiġi meħtieġ li trade marks għandhom ikunu fil-fatt użati, jew jekk mhux użati, ikunu suġġetti għal revokazzjoni". Fid-dawl ta' din il-premessa, jidher li jekk tingħata portata kbira lill-kunċett ta' raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu ta' trade mark dan imur kontra l-istruttura ta' l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva. Fil-fatt, il-kisba ta' l-għan imsemmi fl-imsemmija premessa tiġi kompromessa jekk kull ostaklu, anke jekk minimu, imma li jkun indipendenti mir-rieda tal-proprjetarju, huwa suffiċjenti biex jiġġustifika n-nuqqas ta' użu ta' din.

52 B'mod partikolari, kif enfasizza ġustament l-Avukat Ġenerali fil-punt 79 tal-konklużjonijiet tiegħu, mhuwiex suffiċjenti li l-"ostakli ta' natura burokratika" bħal dawk allegati fil-kawża prinċipali ma jaqgħux fl-isfera tar-rieda tal-proprjetarju tat-trade mark, peress li dawk l-ostakli jridu, barra minn hekk, ikollhom relazzjoni diretta mat-trade mark, sal-punt li l-użu ta' din jiddependi mill-ikkompletar tal-proċeduri amministrattivi kkonċernati.

53 Madankollu, għandu jingħad li mhuwiex neċessarju li l-ostaklu jirrendi l-użu tat-trade mark impossibbli sabiex dan jiġi kkunsidrat bħala li għandu relazzjoni diretta biżżejjed mat-trade mark, peress li dan jista' jkun il-każ ukoll meta l-ostaklu jirrendi l-użu tagħha mhux raġonevoli. Fil-fatt, jekk ostaklu huwa tali li jikkompromett serjament użu propizju tat-trade mark, ma jistax jiġi raġonevolment mistenni mill-proprjetarju tagħha li jużaha minkejja kollox. Għaldaqstant, per eżempju, il-proprjetarju ma jistax raġonevolment jintalab jikkummerċjalizza l-prodotti tiegħu mal-kompetituri tiegħu. F'każijiet bħal dawn, ma jidhirx li huwa raġonevoli li proprjetarju jintalab jimmodifika l-istrateġija imprenditorjali tiegħu sabiex jirrendi l-użu ta' din it-trade mark possibbli xorta waħda.

54 Jirriżulta minn dan li huma biss l-ostakli li għandhom relazzjoni diretta biżżejjed mat-trade mark li jirrendu l-użu tagħha impossibbli jew mhux raġonevoli u li huma indipendenti mir-rieda tal-proprjetarju li jistgħu jikkwalifikaw bħala "raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu" tat-trade mark. Għandu jiġi evalwat, każ b'każ jekk bidla fl-istrateġija imprenditorjali sabiex jingħeleb l-ostaklu twassalx għal użu tat-trade mark mhux raġonevoli. Hija l-qorti tar-rinviju li qed tieħu konjizzjoni tal-kawża prinċipali u hija biss tista' tikkonstata l-fatti relevanti, li tista' tagħmel din l-evalwazzjoni fil-kuntest ta' din il-kawża.

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkostitwixxu "raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu" ta' trade mark dawk l-ostakli li għandhom relazzjoni diretta biżżejjed mat-trade mark li jirrendu l-użu tagħha impossibbli jew mhux raġonevoli u li huma indipendenti mir-rieda tal-proprjetarju. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-elementi ta' fatt tal-kawża prinċipali fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Fuq l-ispejjeż

56 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjonijiet ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-"data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni" fis-sens ta' l-Artikolu 10(1) ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks, għandha tiġi ddeterminata f'kull Stat Membru skond ir-regoli tal-proċedura fir-rigward tar-reġistrazzjoni li jkunu fis-seħħ f'dak l-Istat.

2) **L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 89/104 għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkostitwixxu "raġunijiet leġittimi għan-nuqqas ta' użu" ta' trade mark dawk l-ostakli li għandhom relazzjoni diretta biżżejjed mat-trade mark li jirrendu l-użu tagħha impossibbli jew mhux raġonevoli u li huma indipendenti mir-rieda tal-proprjetarju. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-elementi ta' fatt tal-kawża prinċipali fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet.**

Firem